MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2004

Rikors Numru. 56/2003/1

**Rikors Nru. 56/2003**

**Philip Gatt**

**Vs**

**Antonie Grima**

Il-Bord,

Ra ir- rikors ta' Philip Gatt fejn jesponi b' rispett:

Illi huwa jikri l- fond numru 83, Triq Santa Marija, Haz Zebbug lil intimati bil- kera ta' Lm 28 (tmienja u ghoxrin lira) fis- sena pagabbli bil- quddeim u l- ahhar skadenza ta' Settembru 2002.

Illi r- rikorrenti jidhirlu li l- kera ta' Lm 28 (tmienja u ghoxrin lira) fis- sena ma hiex kera gusta.

Ghaldaqstant, l- esponent umilment jitlob lil dan il- Bord sabiex joghgbu jiffissa l- kera xierqa pagabbli mill- intimati kull sena f’ Settembru.

Ra li l- intimata ikkontestat t- talba imma ma pprezentatx risposta.

Ra d- digriet tieghu tat- 23 ta’ Lulju 2003 li bih gew mahtura periti teknici l- AIC Frederick Valentino u l- AIC John Sciberras.

Ra r- relazzjoni ta’ l- imsemmija periti li zammew access fis- 16 ta’ Marzu 2004 fil- prezenza tal- partijiet u Dr. Luciano Busuttil.

Ra li l- periti hallew barra mill- kusiderazjoni taghhom certi ambjenti mibnija mill- intimata u dan skond gurisprudenza pacifika ta’ dan it- tribunal u ta’ l- Onorabbli Qorti ta’ l- Appell.

Ra li a tenur tal- Kap 116 tal- ligijiet ta’ Malta (qabel Ordinanza XVI tal 1944) il- periti teknici stabbilew il- kera fl- ammont ta’ erbghin (Lm 40) lira Maltija fis- sena bil- kundizzjoni li x- xoghol ta’ manutenzjoni interna ordinarja tkun a karigu tal- kerrej u x- xogholijiet l- ohra a karigu tas- sid.

Jaghmel tieghu r- rapport tal- periti li ghandu jaghmel parti shiha minn din is- sentenza u jiffissa l- kera tad- dar 83, Triq Santa Maria, Hal Muxi, Haz Zebbug fl- ammont ta’ erbghin lira Maltija (Lm 40) pagabbli kull sena bil quddiem mill- iskadenza ta’ Settembru 2003, tithallas kull Settembru, bil- kundizzjoni li x- xoghol ta’ manutenzjoni interna ordinarja tkun  a karigu ta’ l- intimata filwaqt illi x- xogholijiet l- ohra jkunu a karigu tar- rikorrent. Spejjez bin- nofs bejn il- partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------